# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 3 8 0

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3157/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Joseph Zammit**

**vs**

**Jonathan Callus Ezercenti l-kummerc bhala Callus Landscaping & Gardening**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta.**

Illum 21 ta' April 2015

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ta' Joseph Zammit ipprezentat fir-Registru tal-Qorti fid-19 ta' Settembru 2013 mill-avukat Dottor Andrew Borg Cardona.

DIKJARAZZJONIJIET

Is-sur Zammit iddikjara fir-rikors tieghu li huwa kien tkecca mill-impieg sommarjament fl-20 ta' Mejju 2013,u skond hu ma kienx hemm gustifikazzjoni ghal tali tkeccija. Huwa talab lit-Tribunal jiddikjara din it-tkeccija bhala ingusta u li jinghata rimedju. Sussegwentement fl-istqarrija tieghu ppreciza li huwa kien jahdem bhala gardinar mal-intimat sa mill-1 ta' Awwissu 2012, u li kien spjegat lilu li tkecca ghaliex ha wisq *sick-leave*. Jghid li huwa ma inghatax l-opportunita` jispjega ruhu dwar l-akkuza migjuba kontrih.

Jonathan Callus irrisponda li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt skond kif kellu jigi spjegat waqt il-kawza, u eccepixxa li huwa m'ghandu jaghti xejn lir-rikorrent. Huwa jiddikjara li Joseph Zammit ma kienx idoneu ghax-xoghol li gie impjegat fih, u dejjem kien jipprezenta problemi in kwantu kien jiehu hafna granet "sick" u l-anqas jindenja ruhu jippresenta certifikat mediku. Jghid li Joseph Zammit kien negligenti f'xogholu u wera nuqqas kbir ta' responsabbilta' kif kien igib ruhu f'generu ta' xoghol delikat f'certu postijiet. Jghid li Joseph Zammit inghata diversi cansijiet u kienu sarulu numru ta' twissijiet (warnings) verbali. Jghid li t-tkeccija ta' Joseph Zammit mill-impieg kienet bazata fuq ragunijiet tajba u sufficjenti skond il-Ligi.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta li nzammet dan it-Tribunal stieden lill-partijiet jikkonsidraw ftehim bonarju. Ghall-iskopijiet ta’ Artikolu 78 ta’ Kap 452 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li s-smiegh tax-xhieda ha aktar fit-tul miz-zmien stipulat.

IL-PROVI MIGJUBA

Jonathan Callus, l-intimat, ghamel affidavit fejn qal li huwa nnifsu jahdem ta' gardinar ma' missieru, u jaghmel xoghol ta' *landscaping*. Jghid li ommu kienet taf lil omm ir-rikorrent u kienet qaltlu kemm-il darba biex jibda jhaddem mieghu lir-rikorrent ghax kien bla xoghol. Meta l-Ambaxxata Amerikan ikkuntrattatu biex jibda jehdilha hsieb il-gonna u l-l*andscaping* taghha u fir-residenza tal-Ambaxxatrici, huwa gie bzonn min jghinu, u ngagga numru ta' haddiema, fosthom ir-rikorrenti. Ir-rikorrent kien infurmah li kien hadem xi zmien ma' Calamatta bhala gardinar.

Jghid li l-ewwel problema li innota kienet li r-rikorrent kien spiss jieqaf ghal "break" biex jiehu t-te` u jpejjep. Imbaghad dan beda jiehu hafna "sick-leave", ferm iktar milli jiehdu shabu, u l-anqas javza mill-ewwel biex ikun jista' jdahhal lil xi hadd iehor minfloku. Anzi kien ikun hemm drabi li jkunu shabu li jcemplu lill-intimat biex jghidulu li Joseph Zammit kien 'ma jiflahx'. Jghid li fit-8 xhur li kien ilu jahdem mieghu ir-rikorrent kien diga' ha 35 jum ta' sick-leave".

Kien hemm okkazjonijiet li r-rikorrent ma jmurx ghax-xoghol, u ghalkemm kien jallega li kien ma jiflahx xorta jibqa' ma jipprezentax ic-certifikat mediku relattiv. L-intimat jghid li huwa wissa lill-intimat kemm-il darba b'mod verbali dwar dawn in-nuqqasijiet u dwar in-negligenza tieghu. Jghid li huwa kellu kuntratt li jqisu bhala sensittiv, u jghid li tal-Ambaxxata Amerikana kemm-il dabra gibdulu l-attenzjoni ghan-nuqqasijiet tar-rikorrenti, partikolarment meta' dan ikun temporanjament assenti minn fuq ix-xoghol biex imur ipejjep u jixrob it-te`. Jghid li lil Zammit impjegah biex jahdem fl-Ambaxxata Amerikana f'Ta' Qali.

L-intimat jghid li shab ir-rikorrent kienu jigu jgergru mieghu li kull darba li r-rikorrent ikun skartat, ix-xoghol jaqa' fuqhom: kienu jghidulu li r-rikorrenti gieli ma kienx ikun irid jaghmel xoghol ghax jghid li jkollu dahru jugghu. Jghid li r-rikorrent kien tip ta' bniedem li trid timbuttah biex jahdem. Jghid li huwa wissa lir-rikorrent hafna drabi, u kien ha hafna pacenzja bih sa ma jidra. Pero` ma setax ikompli jzommu fl-impieg sew ghaliex ix-xoghol tieghu kien qed jaqa' lura kif ukoll ghaliex shabu kienu qed igergru mill-piz zejjed li kien qed jaqa' fuqhom. Minhabba l-ilmenti li kienu gejjin mill-Ambaxxata stess, huwa beza li minhabba r-rikorrent kien ser jispicca jitlef il-kuntratt li tawh l-Ambaxxata Amerikana.

Xehed imbaghad Joseph Callus, missier l-intimat, u qal li huwa jahdem fuq il-*maintenance* mentri ibnu kien jaghmel xoghol ta' *landscaping* u ta' *maintenance* ukoll. Dan spjega kif omm ir-rikorrent talbitu jimpjega mieghu lill-binha ghax kien bla xoghol, u hu u ibnu accettaw u ingaggawh biex jaghmel

xoghol ta' gardinar ghall-ambaxxata Amerikana f'Ta' Qali. Ir-rikorrent hadmilhom f'Ta' Qali biss. Dan ix-xhud jghid li kien ilu jaghti servizz ta' gardinar lill-Ambaxxata Amerikana 27 sena, u dawn bdew jilmentawlu ghaliex kienu qed jinnotaw lir-rikorrent jiskarta minn fuq ix-xoghol; anke l-haddiema l-ohra shabu bdew jilmentaw li x-xoghol li ma kienx qed jaghmel ir-rikorrent kien qed jaqa' fuqhom. Barra minn hekk dan kien qed jiehu hafna sick-leave, u meta kien ikellmu ibnu daqqa kien jghidu li ma jiflahx, daqqa li qed ikollu dahru jugghu, u problemi ohra. Jghid li huwa dejjem baqa' jiehu hsieb ir-residenza ta' H'Attard, u gieli cempillu ibnu biex jghidlu li l-haddiema jkunu infurmawh li Joseph Zammit ma dahalx xoghol ghax ma jiflahx – hawnhekk dan ix-xhud kien jaqbad haddiem milli jkollu jahdem HAttard u jibghatu Ta' Qali, ghax Ta' Qali jkunu jridu tliet haddiema kuljum.

.

Xhed Paul Mallia li qal li kien ilu jahdem ma' Jonathan Callus bhala gardinar u landscaper fl-ambaxxata Amerikana sa minn xi Awwissu jew Settemrbu tal-2012. Qabel kien jaghmel xoghol ta' cleaner. Jghid li hu, ir-rikorrent u certu Michael kienu jmorru jahdmu l-ambaxxata mit-Tnejn sal-Gimgha, u kollha kienu jaghmlu l-istess xoghol. Jghid li l-problema li kien jilmentalhom minnha Jonathan Callus kienet li minn zmien ghal zmien kien jigi jtihom "ċamata" jew ghax isibhom hdejn it-toilets (igifieri mhux qed jahdmu) jew jghidilhom li tal-ambaxxata rrappurtawlu li kienu qed jiskartaw. Jghid li hu u z-zewg gardinara l-ohra kienu jieqfu ghal *break* flimkien biex jiehdu naqra kafe u jpejpu sigarett pero` wara li jghaddu hames minuti hu kien ihoss li ghandu jirritorna ghax-xoghol mentri r-rikorrent jghidlu biex jibqghu iktar ghall-break, u jdumu nofs siegha. Jghid li hu ma kienx jaqbad u jmur ghax-xoghol wahdu ghax kien ihossu skomdu jekk l-imghallem isib lilu biss jahdem. Jghid li okkazjoni fejn Jonathan Callus irrabja maghhhom ghax l-ambaxxata ilmentawlu li x-xoghol mhux qed isir sehhet madwar sena qabel xehed, u cioe` f'xi Mejju 2013. Jghid li l-aktar li rrabja kien ma' Joseph Zammit ghax kien ikun hemm drabi li kien ikun hu biss wieqaf mix-xoghol jiehu "break", meta t-tnejn l-ohra jkunu baqghu jahdmu. Jghid li hu u Joseph Zammit kienu jmorru ghax-xoghol flimkien u meta Joseph kien ma jitfaccax, huwa kien icempillu u r-rikorrent jghidlu li jkun

ser jehodha *sick-leave*: igifieri ma kienx javzah li mhux ser imur xoghol. Imbaghad gurnata minnhom l-imghallem avvzah li ser jigi iehor flok ir-rikorrent, u hu baqa' jahdem l-ambaxxata sa ma f'Awwissu ta' wara l-Ambaxxata tat il-kuntratt lil xi hadd iehor.

Xhed ir-rikorrent li huwa hadem biss ghaxar xhur ma' Jonathan Callus: minn Awwissu 2012 sa Mejju 2013. Jghid li f'Mejju 2013 kellu accident bil-karozza u minhabba fih mar il-poliklinika ta' Rahal Gdid li baghtuh ghal X-Rays il-Mosta, imbaghad cempel lill-imghallem biex jghidlu li ma kienx diehel ghax-xoghol ghax ha skoss f'ghonqu u f'daharu. Wara Jonathan cempillu lura u qallu biex imur ikellmu fil-hanut tieghu fiz-Zejtun, u hemmhekk dan qallu li kien ser iwaqqfu mix-xoghol ghax kien qed jiehu wisq sick-leave. Jghid li l-impieg tieghu ma kellux kuntratt mitkub. Jghid li meta l-intimat gie jirrabja maghhom ghax ma kienux ikunu fuq ix-xoghol, hu (ir-rikorent) kien maz-zewg haddiema l-ohra Paul u Michael. Jghid l-imghallem qatt ma tah warning, la miktub u anqas bil-fomm.

Dwar is-*sick leave* ir-rikorrent jghid li l-imghallem baqa' jhallsu ghalih anke meta ma kienx inttitolat jithallas. Avvzah li ma kienx ser ihallsu izjed ghal *sick-leave*, u s-*sick-leave* li hallsu zejjed zammulu mill-paga ta' wara. Jghid li wara l-incident li kellu bil-karozza, tal-poliklinika irrakkomandawlu ma jmurx ghax-xoghol u li jhallulu c-certifikat miftuh, izda hu qal lit-tabiba taghmilulu ghal gimgha biss. Jghid li dan hadu u tah lill-intimat, imma dan qallu li kien ser iwaqqfu mix-xoghol ghax bis-*sick-leave* li kien qed jehodlu kien qed ikollu bzonn jimpjega bniedem iehor biex jirriplejsjah. In kontroezami r-rikorrent ikkonferma li fil-waqt li hu spicca mill-impieg f'Mejju 2013, l-intimat ma baqax jaghmel xoghol ghall-Ambaxxata Amerikana f'Awwissu ta' wara. Jghid li meta kienu jahlu l-hin kienu jkunu t-tlieta f'daqqa, anzi anke l-impjegati tal-ambaxxata gieli kienu jigu jiehdu break hdejhom. Ir-rikorrent jghid li huwa dejjem ta lil Jonathan certifikat mediku meta ha *sick-leave*, u jghid li dejjem avvza lill-imghallem meta ma kienx ser imur ghax-xoghol.

KONSIDERAZZJONIJIET

Fil-waqt li r-rikorrent jilmenta li gie mkecci minghajr ma kien gie mwissi severament u minghajr ma inghata l-opportunita` jiggusitifika ruhu, b'dan li fl-eta` ta' 53 sena dan ghamel kwazi sentejn bla impieg, l-intimat jilmenta li tort ta' l-iskartar tar-rikorrent huwa spicca tilef il-kuntratt li kellu mal-ambaxxata Amerikana ghax ix-xoghol ma kienx qed isir sew. Jilmenta wkoll li r-rikorrent kien qed iharbatlu x-xoghol meta ma jmurx ghax-xoghol u l-imghallem jigi avzat wara li tkun bdiet il-gurnata.

Dan it-Tribunal jemmen li r-rikorrent ghandu tendenzi ta' ghazz u skartar minn fuq il-post tax-xoghol, u jifhem li din l-attitudni mhux biss tirrabja lil kull min ikun ihaddmu imma anke tohloqlu problemi. Pero` dan it-Tribunal ma jemminx li l-intimat tilef il-kuntratt mal-Ambaxxata f'Awwissu 2013 htija tar-rikorrent, ghax lil dan kien diga' ssostitwih minn Mejju ta' qabel. Kollox ma' kollox jinghad li l-imgieba tar-rikorrent kienet deplorevoli in kwantu kien qed jiehu numru ta' "breaks" twal matul il-gurnata. Dwar l-ammont kbir ta' *sick-leave*, ebda naha ma gabet prova li dan is-*sick-leave* kien gustifikat jew ma kienx gusitifikat, u allura mhux ser jinghata wisq konsiderazzjoni. Dwar li r-rikorrent l-anqas kien javza li kien ser ikun *sick-leave*, ir-rikorrent jghid li kien ihalli f'idejn il girlfriend tieghu biex tavza lill-imghallem, pero` lil din il-girlfriend ma ressaqhiex biex tikkonferma li kienet tavzah lill-imghallem, u ghalhekk dan it-Tribunal qed jemmen li r-rikorrent hafna drabi ma kien qed javza xejn u johloq problemi fuq il-post tax-xoghol.

Ghalhekk, meta tqis kollox ma' kollox, jirrizulta li r-rikorrent gab ruhu b'tali mod li kien jixraqlu jitkecca mill-impieg: jekk verament xtaq jahdem messu ha hsiebu l-impieg li kellu, u mhux ihajjar lil shabu jiskartaw. Pero` jibqa' bhala fatt li min jimpjega jehtieglu jwissi lill-impjegat bi kliem car li n-nuqqasijiet partikolari tieghu ser iwassluh ghat-terminazzjoni tal-impieg. Dan it-Tribunal jirrizultalu li kien hemm okkazjoni wahda biss fejn Jonathan Callus wissa bl-

ahrax lit-tliet gardinara, b'mod partikolari lir-rikorrent, minhabba l-iskartar taghhom. Jekk ir-rikorrent ried juri li wissa lir-rikorrent aktar drabi, jew li xi hadd mill-ambaxxata ilmenta mar-rikorent, huwa htieglu jgib provi aktar konkreti ta' dan – provi dwar dan prattikament ma gab xejn. Jidher li t-tkeccija aktar kienet ibbazata fuq is-*sick-leave* li rega' talab ir-rikorrent, u kif inghad ma ngiebux provi jekk dan kienx gustifikat jew le. Jidher li l-imghallem kien qed jifhem li dan is-*sick-leave* kien skuza biex jigi skartat ix-xoghol. Dan it-Tribunal ukoll ihoss li r-rikorrent kien qed jesagera meta allega li kellu "skoss f'ghonqu", ghax kieku kienet xi haga serja r-rikorrent kien certament ikollu ghalxiex jerga' jmur ghand it-tobba u jkollu certifikati li juru l-genwinita' tal-kaz. Ir-rikorrent jghid li kellu certifikat wiehed u tah lill-imghallem.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qed jikkonkludi li r-rikorrent kien qed igib ruhu b'tali mod li kien jimmerita li jitwaqqaf mill-impieg tieghu, pero` huwa ma inghatax id-debiti twissijiet biex jifhem li l-impieg tieghu kien fil-periklu. Ghalhekk it-tkeccija mill-impieg tar-rikorrent mhix gustifikata fil-ligi in kwantu biss ir-rikorrent ma inghatax twissijiet cari kif hu mistenni. Dan it-Tribunal qed iqis ukoll li anke kieku r-rikorrent baqa' fl-impieg, huwa ma kienx ser ikollu xoghol fl-ambaxxata Amerikana mal-intimat wara Awwissu 2013.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant dan it-Tribunal, wara li kkonsidra l-provi prodotti, qieghed jiddecidi dan il-kaz b'mod definittiv billi jqis li r-rikorrent gie mkecci mill-impieg a bazi ta' mgieba censurabbli, pero` in kwantu ma irrizultax li huwa gie mwissi aktar minn darba biex jirranga l-imgieba tieghu, dan it-Tribunal qed jikkonkluxi li din it-tkeccija tieghu mill-impieg mhix gustifikat ghal kollox. Ghalhekk l-intimat qed jigi ordnat ihallas lir-rikorrent ammont nominali ta' tmin mitt Euro (€800.00) fi zmien tletin gurnata mill-lum. Ghall-finijiet tal-

Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro (€93.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman